

Brussell, 1 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15915/25

LIMITE

AVIATION 170
ICAO 52
RELEX 1552

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0314 (NLE)**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	14227/1/25 REV 1 Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2023/746 - Adozzjoni

1. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/746 tat-28 ta' Marzu 2023 li tistabbilixxi l-kriterji u l-proċedura biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tal-adozzjoni ta', jew emendi għal, standards internazzjonali u prattiki rakkomandati, u n-notifika ta' differenzi fir-rigward tal-istandards internazzjonali adottati¹ ser tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2025.
2. Fis-6 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2023/746 fir-rigward tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħha, u l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.
3. Il-proposta ġiet ippreżentata u diskussa fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni fl-10 u s-17 ta' Ottubru 2025. Id-delegazzjonijiet qajmu tħassib rigward il-proposta, b'mod partikolari fir-

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/746 tat-28 ta' Marzu 2023 li tistabbilixxi l-kriterji u l-proċedura biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tal-adozzjoni ta', jew emendi għal, standards internazzjonali u prattiki rakkomandati, u n-notifika ta' differenzi fir-rigward tal-istandards internazzjonali adottati (ĠU L 99, 12.4.2023, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/746/oj>)

rigward tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni għal annessi ġodda tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, għal strumenti oħra tal-ICAO, u għan-notifika tad-devjazzjonijiet mill-prattiki rakkomandati. Diversi delegazzjonijiet esprimew dubji dwar il-ħtieġa ta' deċiżjoni jew partijiet minnha.

4. Il-Presidenza ppreżentat testi ta' kompromess li ġew diskussi fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni fis-7 u t-28 ta' Novembru 2025. Id-delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ ġenerali tagħhom għat-testi ta' kompromess propost mill-Presidenza.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill mistieden jadotta d-deċiżjoni kif tinsab fid-dokument ST 15918/25 (kif riveduta mill-ġuristi lingwisti) f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss.